**Qorti tal-Appelli Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Numru: 520 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliott Magro)**

**vs.**

**Luke Azzopardi**

Illum, 28 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Luke Azzopardi, bin Joseph u Mary nee' Camilleri, imwieled il-Pieta' nhar il-15 ta' Dicembru, 1987, residenti gewwa Miral Court, Blokk F, Flat 5, Triq il-Brunzar, Santa Venera u detentur tal-karta tal- identita' bin-numru 0002888M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-10 ta' Frar, 2022, ghall-tad- 09.30hrs, gewwa l-limiti tal-Wardija, Malta

1. Ma ssodisfajtx il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja specjali biex tippartecipa fl-insib limitat tal-Malvizz u l-Pluviera fil-Harifa tal-2021 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi skond 1-Avviz Legali nru 396 tas-sena 2021 u f'kull ligi ohra u cioe' bi ksur ta' LS549.147;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuna licezjata u awtorizzata sabiex tonsob ghall-insib limitat tal-Malvizz u Pluviera fil- Harifa tal-2021, inqast li kif jaghlaq l-istagun tal-insib, l-mansab (inkluz ix-xbieki, lasti, molol, etc) jigi zarmat u jitnehha minn fuq il-post immedjat u dan bi ksur ta' kundizzjoni numru 9 ta' l-istess regolament;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' 1-2006 dwar il- Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolament 6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.147; ir-regolamenti 7 (h) u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.74 u ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, sabet lill-qua imputat Luke Azzopardi hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundannatu ghall-multa ta' sitt mitt Ewro (Eur. 600).

Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena, 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it- Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Luke Azzopardi minnu pprezentat fit-22 ta' Novembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

1. Thassarha u tirrivokaha u minflok tilliberah minn kull piena u htija.

**B' mod alternattiv:**

F'kaz li sentenza tibqa invarjata, tinghata piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat illi l-aggravju <u>numru wiehed-</u>

**Enuncazjoni zbaljata tal-fatti u tad-dispozizzjoni tal-ligi.**

1. Mill-fatti kif elaborati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti jidher li huwa pacifiku li l-appellant **huwa detentur ta' licenza generali tal-insib u li kellu ukoll il-licenza specjali sabiex jippartecipa fl-insib limitat tal-Malvizz u l-Pluviera fil-Harifa tas-sena 2021**.

2. Dan johrog car mhux biss mill-investigazzjoni li ghamlu l-l-ufficjali tal-Environment Protection Unit ( EPU) li marru jinvestigaw il-kaz, izda ukoll mix-xhieda ta' Nicholas Grech li xehed in rapprezentanza tal-Wildlife Bird Regulation Unit (WBRU);

3. Hu importanti li wiehed izzomm f' mohhu u quddiem ghajnejh li l-insib limitat ghall-malvizz u l-pluviera fil-Harifa tas-sena 2021 kien permess biss permezz ta' licenza specjali li tkun inharget skon l-Avviz Legali 396 tal-2021 u li allura ghandu jsegwi din il-licenza specjali u l-kundizzjonijiet taghha kellhom ikunu biss effetivi tul iz-zmien operativ taghha;

4. Illi hu wkoll pacifiku li fl-10 ta' Frar 2021 l-istagun tal-Harifa *ghall-insib limitat tal-Malvizz u Pluviera* kien *maghluq* in linea mar- Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvagg skond l-Avviz Legali nru 396 tal-2021. Infatti ir-Regolament 5 tal-istess Avviz Legali li dahlet fis-sehh fid-19 ta' Ottubru 2021 tghid testwalment hekk:

> *'(a) l-insib ghall-Malvizz mill-20 ta' Ottubru 2021 sal-31ta' Dicembru 2021, iz-zewg dati inkluzi; u*
> *(b) l-insib ghall-Pluviera mill-1 ta' Novembru 2021 sal-10 ta' Jannar 2022, iz-zewg dati inkluzi:*
> *Izda d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti maghandhomx jibqghu fis-sehh u l-ebda attività ta' insib maghandha tkun permessa jekk il-Ministru jordna, b'avviz fil-Gazzetta jew b'avviz iehor, li l-istagun tal-insib fil-Harifa ghandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data stabbilita mill-Ministru'*

5. Illi ghaldaqstant, bhala stat ta fatt fl-10 ta' Frar 2022 l-istagun tal-insib limitat ghal-malvizz u l-pluviera kif moghti ghall-Harifa 2021 kienu ilu xahar li ghalaq u ghaldaqstant il-licenza specjali li l-appellant kellu sabiex jippartecipa f' dan l-insib limitat ghal malvizz u l-pluviera tul l-istagun tal-Harifa 2021 kienet ilha xahar li mhux aktar operativa;

6. Illi jidher li l-prosekuzzjoni bnew il-kaz taghhom fuq il-kundizzjoni numru sittax tal-licenza specjali (DOK NG3) li tghid is-segwenti:-

> *"Immedjatament malli jaghlaq il-perjodu ta' ricerka, il-mansab (inkluz xbieki, lasti u mollol) ghandu jizzarma u jitnehha min fuq il-post."*

7. Illi din il-kunduzzjoni qedghha titkellem fuq xi haga immedjata ma tmiem il-perjodu tar-riceka u mhux xahar wara li l-licenzja giet invalidtata kif inhuwa dan il-kaz.

8. Illi mix-xhieda tal-appellant, li ma kinitx kontradetta mill-proskezzjoni, jirrizulta illi huwa ma l-eghluq tal-istagun kien zarma kollox imma xahar wara rega rama xi affarijiet sabiex ikun jista jirranga il-post sforz il-hsara li kienet saret. Fil-fatt dak li xehed l-appellant huwa konfortat min dak li sabu il-pulizija fuq il-post ghax huma ma sabu l-ebda xibka armata. Dan juri li ghalanqas dak li qieghed jghid l-appellant huwa probabilment il-verita' ghax ma jaghmilx sens illi wiehed joqghod iz-zarma ix-xbiek min mal-ventijiet tieghu u jhalli biss il-frame, il-lasti u l-mollol fuq il-post;

9. Illi inoltre jekk wiehed jara l-kundizzjoni numru 1 tal-licenza specjali (DOK NG3) issib issegwent frazi li fl-istess dokument hija miktuba b' mod bold u sottolinejata:-

> <u>*"Din il-Licenzja ma tkunx ikkunsidrata valida jekk il-perjodu ta' ricerka ma jiftahx u* ***tigi immedjatament invalidata malli jinghalaq"***</u>

10. Illi allura skond il-kundizzjoni numru wiehed malli l-perjodu ta' ricerka ghalaq il-licenzja **immedjatament giet invalidata** u la darba il-licenzja giet invalidata kull kundizzjoni li temani minnha awtomatikament tkun giet invalidata ukoll. Ma jistax ikollok sitwazzjoni legali fejn xahar wara li licenzja giet invalidata, il-kundizjonijiet taghha jkunu ghadhom vigenti. Dan ir-ragunament li uzat il-prosekuzzjoni u li bir-rispett kollu gie accettat mill-Ewwel Qorti huwa ragunament falluz u sahansitra perikoluz ghax b' dan ir-

ragunament qiegħed ikun jiġi imneħħi dak li bl-Ingliż jissejaħ a level playing field u l-awtoritajiet ikunu jistgħu joqgħodu jċaqalqu il-lasti kull x' ħin irridu huma u kif ikun jaqbel lilhom;

11. Illli allura fid-data inkwadrata kwalunkwe attivita' li għandha x' taqsam ma kacca jew insib, illegali jew le, li allegatament kien qed jagħmel l-appellant kellha tkun regolata mil-liġi sussidjarja, L.S. 549. 42 u l-licenza ġenerali tal-insib li toħroġ min din il-liġi sussidjarja u MHUX kif erronjament għażlu li jagħmlu l-ufficjali tal-Pulizija Ezekuttiva u jadoperaw bħala bażi tal-akkużi tagħhom il-L.S 549.147 u l-avviż legali 396 tal-2021, liema liġijiet kienu applikabbli biss għall-perjodu specifiku li beda fl- 20 ta' Ottubru 2021 u spicca fl-10 ta' Jannar 2022;

12. Illi taħt il-Liġi Sussidjarja L.S 549.42 li minnu toħroġ il-Licenzja Ġenerali tal-Insib ma fihx l-istess kundizzjonijiet li hemm abbinati mal-Licenzja Specjali maħruġa taħt il-Liġi Sussidjaraja L.S 549.147 li l-Pulizija Ezekuttiva għażlu li jipprocedu biha;

13. Illi wieħed ma jridx jinsa ukoll li bħala stat ta' fatt il-pulizija ezekuttiva ma sabu l-ebda attivita ta' insib għaddeja u kull ma sabu fuq il-post huwa il-wire frame ta' xbiek (mingħajr xibka), lasti u mollol li l-appellant ta' raġuni għalfejn kien reġa installħom **u mhux ħallihom fil-post** u dan kien għax kien jinħtieġlu li jirranġa l-art tal-mansab u dan kollu ġara xahar wara l-egħluq tal-istaġun fiż-żmien li mhux abbinat ma attivitajiet tal-insib;

14. Illi sa llum ma hemm l-ebda liġi li tipprekludi li xi ħadd li jirranġa il-mansab tiegħu fiż-żmien meta l-insib ikun magħluq kif qiegħed jiġi inferit mill-Ewwel Qorti bis-sejbin ta' ħtija tal-appellant;

15. Illi bhal ma diga intqal aktar il-fuq f' dan l-umli appell b' dawn il-konsiderazzjonijiet quddiem ghajnejna u mill-provi li hemm fl-atti ghandu jkun car daqs il-kristall li l-ufficjali tal-pulizija u sussegwent bir-rispett dovut aktar tard l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienux korreti meta applikaw dak li hemm fil-Ligi Sussidjarja L.S. 549.147, meta huwa manifestament car li l-ligi applikabbli fis-10 ta' Frar 2022 fuq kwalunkwe prezunzjoni ta' illegalita' fuq insib kellha tkun mibnija fuq il-ligi sussidjarja L.S. 549.42 li tahta il-kundizzjonijiet enuncjati fl-imputazzjoni kif dedotti ma jezistux u allura ma setghu qatt jirrizultaw;

**It-Tieni aggravju –Apprezzament hazin tal-provi**

16. Illi l-pulizija fl-affidavits taghhom it-tnejn jghidu li fl-10 ta' Frar 2022 fid-9.30am huma marru fuq mansab fil-limiti taal-Wardija fuq rapport li kien hemm attivita' ta' insib ghaddejja meta l-istagun tal-insib kien maghluq;

17. Illi mill-istess affidavits jirrizulta illi fuq il-post indikat ma nstabghet l-ebda attivita ta' insib ghaddejja u sahansitra jghidu li fuq il-post ma nstghabet l-ebda xibka armata li tista' tittiehed bhala indikazzjoni li tkun ghaddejja xi attivita ta' nsib;

18. Illi fuq il-post l-uniku affarijiet li nstaghbu kienu lasti u l-frame ta' xibka, minghajr xibka, u fix-xhieda tieghu l-appellant jghati spjegazzjoni ghalfejn kien hemm dawn l-affarijiet u l-mollol;

19. Illi b' dawn l-affarijiet li sabu l-pulizija Il-mistoqsija li ghandha issir hija mistoqsija semplici u din hija jekk fic-cirkostanzi li waslu ghal dawn l-

imputazzjonijiet kienx hemm active trapping mill-appellant jew le. Biex wiehed jista jghid illi kien insib irridu jigu ippruvati tlett elementi:

i. L-azzjoni pozittiva tal-bniedem;

ii. Mansab li jista' jaqbad l-ghasafar, u allura li jkollu mollol jew lasktu , lasti, spag u xbieki;

iii. L-aghasafar sabiex jinuzaw bhala tahrik u ghar rikjamar jew birdcallers

20. Issa kieku l-Pulizija waslu ghall-konkluzjoni li kien qieghed issir active trapping allura kienu jipprocedu ai termini tal-Ligi Sussidjarja 549.42 ghax f' dak il-perjodu kienet dik il-ligi li tapplika u l-ebda ligi ohra u allura b' dak li kien qieghed jaghmel l-appellant qatt ma setgha jikkostitwixxi f' reat ghax dak li instab mill-pulizija mhux punnibbli taht din il-ligi sussidjarja;

21. Illi fid-data inkwadrata l-investigazzjoni li kellha taghmel il-pulizija kellha tkun sabiex tara kienx qieghed issir xi forma ta' nsib fi stagun maghluq li mil-provi prodotti bl-ebda mod ma jirrizulta li kien qieghed issir, pero jidher li la darba ma irrizulta l-ebda insib illegali l-pulizija, forsi minhabba l-pressjoni ghax dan ir-rapport kien dahal originarjament min Birdlife Malta, ghazlet li tressaq lil-appellant bi ksur ta' kundizzjonijiet ta' licenza li kienet ilha mhux operativa xahar ezatt;

22. Illi ghaldaqstant anki minhabba dawn ir-ragunijiet l-appellant jemmen l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija f' eghmilu u konsegwentament kellu jigi illiberat mil-akkuzi kontrih;

**It-Tielet aggravju- Aggravju fuq il-Piena**

23. Illi minghajr pregudizzju ghal l-aggravji hawn fuq citati, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tichad dawn l-aggravji, l-esponenti umilment jissottometti li l-piena inflitta hija wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz fejn l-agir tieghu, illegali jew mhux, ma kellu l-ebda impatt fuq l-ambjent u dan kif irrimarkat l-istess l-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi **fl-ewwel aggravju** tieghu l-appellant qieghed isostni illi l-ligi applikabbli fl-10 ta' Frar, 2022 hija l-L.S. 549.24 u mhux il-L.S. 549.147. L-appellant qieghed jibbaza l-argument tieghu fuq il-punt illi l-licenzja specjali ghall-Insib limitat tal-Malvizz u l-Pluviera fil-Harifa, specifikament taht l-ewwel kundizzjoni hemm stipulat illi l-insib ghall-Malvizz u l-Pluviera, jibda minn l-20 t'Ottubru u jibqa' sejjer sa l-10 ta' Jannar. Oltre minn hekk, taht l-ewwel kundizzjoni tal-licenzja specjali, wiehed isib ukoll is-segwenti:

> *'Dawn il-perjodi huma minghajr ebda pregudizzju ghall-prerogattiva tal-Gvern li ma jiftahx l-istagun tal-insib, jew li jaghlaq perzjalment jew kompletament l-istagun tal-insib, jew li jibdel kwalunkwe parametri tal-istagun.* ***Din il-licenzja m tkunx ikkunsidrata valida jekk l-istagun ma jiftahx u tigi mmedjatament invalidata malli jaghlaq l-istagun****.'*

Illi m' hemmx dubbju illi l-istagun ghall-insib tal-Harifa kien wiehed maghluq. Ghaldaqstant ghandu ragun l-appellant isostni illi l-ewwel akkuza fil-konfront tal-appellant ma kellhiex jinhargu abbazi tal-licenzja specjali u dan ghaliex kienet ilha ezatt xahar minn meta giet invalidata. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-appellant fl-argument tieghu illi dan ma setax jigi akkuzat bl-akkuzi li gie rinfaccat bihom

minhabba it-trapass taz-zmien li kien ghaddha minn meta ghalaq l-istagun ghall-insib tal-Harifa. *Quod nullum est nullum producit* – Dak li hu null ma jipproduci l-ebda effett u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma setghetx torbot l-akkuzai ma dokument null.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u ghalhekk qiedgha thassar u tirrevoka id-decizjoni tal-Ewwel Qorti u tilliberah minn kull htija u piena.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**